MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2009

Numru. 216/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marisa Camilleri)**

**-vs-**

**Antonia Galea**
**Christopher Galea**

Kumpilazzjoni numru 216/2007

**Illum 12 ta’ Jannar 2009**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmija

Antonia Galea, detentrici tal-karta ta’ l-identita` bin-numru, 417346M, bint Albert Magro u Ursola nee` Pace mwielda Tarxien nhar it-8 ta’ Mejju, 1946 u residenti, 85, ‘Jonton’, Triq id-Drama, Qormi; u

Christopher Galea, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru, 110976M, iben John Mary u Antonia nee` Magro, mwieled Pieta` fil-21 ta’ Jannar, 1976 u residenti, 85, ‘Jonton’, Triq id-Drama, Qormi.

Akkuzati talli f’ xi zmien bejn il-25 ta’ Novembru, 2006 u t-2 ta’ Dicembru, 2006, volontajament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 (Lm50) izda ghall-valur ta’ inqas minn €1164.79 (Lm500) meta ghamlu hsara volontarja fuq il-hitan u fuq il-madum ta’ bitha ta’ fond 87, Redentur, Triq id-Drama, Qormi ghad-dannu ta’ Pierre Micallef, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru, 360463M.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat ix-xhieda.

Zammet access fil-fondi in kwistjoni fejn gew maghmula diversi kostatazzjonijiet fattwali dwar il-kaz.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati hija dik ta’ hsara volontarja a dannu ta’ Pierre Micallef.

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti.

Illi l-parte civile joqghod f’terran fil-waqt li l-imputati jghoqodu fil-mezzanin sovrapost ghal dak tal-parte civile. Fil-fond okkupat mill-imputati hemm twieqi li jghatu ghall-btiehi tal-parte civile. Fit-2 ta’ Dicembru 2006 il-parte civile

u martu hargu fil-bitha interna biex inaddfu u nnutaw li mal-hitan u fuq il-madum ta’l-art kien hemm ticpis ta’ xi materjal jidher li qiesu zejt u li ma jistax jitnehha facilment. Peress li l-parte civile ssusspetta li dan il-materjal ntefa’ mill-imputati huwa ghamlu rapport lill-pulizija. Il-Pulizija, wara l-investigazzjonijiet li ghamlu, procedew kontra l-imputati li pero f’kull hin cahdu li huma b’xi mod responsabbli.

Ikkunsidrat

Illi jirrizulta mhux biss mir-ritratti u mix-xhiedha tal-parte civile u martu, imma anke mill-kostatazzjonijet li saru waqt l-access mizmum minn din il-Qorti, li mal-hitan tal-bitha interna tal-parte civile, kif ukoll fuq il-madum ta’l-art f’l-istess bitha, hemm ticpis. Jirrizulta ukoll mill-estensjoni u l-pozizzjoni tac-ticpis li huwa aktar verosimili li dan it-ticpis gie ikkawzat billi xi hadd tefa’ l-materjal in kwistjoni minn fuq ghal isfel.

Illi jirrizulta ukoll li l-unici persuni li ghandhom access ghal din il-bitha huma l-parte civile u l-familja tieghu mill-livell ta’ l-art, kif ukoll l-imputati permezz tat-twieqi li jghatu ghal fuq il-bitha.

Illi kif gie ritenut mill-Qrati taghna, fil-kamp kriminali l-provi jistghu jkunu kemm diretti kif ukoll indizjarji, basta dawn ta’ l-ahhar ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f’mohh il-gudikant l’ hemm minn kull dubju ragonevoli mir-reita ta’l-imputat[1].

Illi tenut kont ta’dan l-insenjament u tal-fatti kollha tal-kaz in ezami, il-Qorti hija sodisfatta li l-hsara kawzata fil-propjeta ta’ Micallef hija imputabbli lill-imputati.

Illi dwar l-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati, l-fedina penali ta’l-imputati li hija netta u x’inhu f’l-ahjar interess tal-buon vicinat bejn l-imputati u l-parte leza.

---

[1] Ref Pulizija vs Paul Grech (Appell Kriminali 06.04.2001); Pulizija vs James Abela (Appell Kriminali 11.07.2002).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti in oltre biex tipprovdi ghas-sigurta ta' l-imsemmija Pierre Micallef tobbliga lil kull wiehed mill-imputati b'garanzija taghhom infushom ghal perjodu ta' sena li ma jdejjqux u ma jimmolestawx lill-imsemmija Pierre Micallef taht penali ta' tlett mitt Euro (€300) kull wiehed.

Il-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem ordinarju r-responsabbilta taghhom u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien sena u jekk ma joqghodux ghall-ordni lilhom moghti

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------